



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għas-Sajd*

**2012/0077(COD)**

16.10.2012

# **EMENDA 19 - 31**

**Abbozz ta' rapport**  
**Jarosław Leszek Wałęsa**  
(PE496.385v01-00)

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet

Proposta għal regolament  
(COM(2012)0155 – C7-0090/2012 – 2012/0077(COD))



**Emenda 19**  
**Jaroslav Leszek Wałęsa**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Id-data xjentifika tindika li r-rati mmirati ta' mortalità m'għadhomx xierqa u b'hekk dawn ir-rati għandhom jiġu riveduti f'konformità mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli.***

Or. en

**Emenda 20**  
**Jaroslav Leszek Wałęsa**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) Sabiex jintlaħqu b'mod effiċjenti l-miri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 u sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-istokk jew fis-sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tar-reviżjoni ta' rati minimi ta' mortalità mis-sajd, meta d-dejta xjentifika tindika li r-rati ma għadhomx xierqa u l-miżuri mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan.*** Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

(4) Sabiex jintlaħqu b'mod effiċjenti l-miri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 u sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-istokk jew fis-sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-istabbiliment tal-perjodi meta s-sajd b'ċerti tipi ta' rkaptu huwa permess b'rabta ma' ċerti żoni ġeografiċi.*** Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

Or. en

**Emenda 21**  
**Ole Christensen**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex jintlaħqu b'mod effiċjenti l-miri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 u sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-istokk jew fis-sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-reviżjoni ta' rati minimi ta' mortalità mis-sajd, meta d-dejta xjentifika tindika li r-rati ma għadhomx xierqa u l-miżuri mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

*Emenda*

(4) Sabiex jintlaħqu b'mod effiċjenti l-miri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 u sabiex ikun hemm reazzjoni rapida għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-istokk jew fis-sajd, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-reviżjoni ta' rati minimi ta' mortalità mis-sajd, meta d-dejta xjentifika tindika li r-rati ma għadhomx xierqa u l-miżuri mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-pjan. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti ***mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku u l-partijiet interessati rilevanti*** matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

Or. en

**Emenda 22**  
**Nils Torvalds**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(9a) L-istimoli tal-melħ mill-Baħar tat-Tramuntana u l-Oċean Atlantiku huma kruċjali għas-sopravivenza tal-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku. Matul l-aħħar għaxar snin, il-livell ta' melħ fl-ilma fil-Baħar Baltiku tbaxxa. Fl-istess ħin, żona dejjem tikber ta' qigħan tal-baħar, speċjalment fl-aktar ilmijiet fondi***

*Emenda*

*tal-Baħar Baltiku, saret ħielsa mill-ossiġenu, u dan jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-merluzz biex ibid fil-postijiet fejn ibid b'mod naturali. Għaldaqstant, hemm bżonn approċċ ta' prekwazjoni fl-isfruttament tal-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.*

Or. en

**Emenda 23**  
**Isabella Lövin**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 4 – paragrafu introdutturju

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-pjan għandu jiżgura l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati abbażi tar-rendiment massimu sostenibbli billi gradwalment inaqqas u jżomm ir-rati ta' mortalità mis-sajd f'livelli mhux **aktar baxxi** minn:

*Emenda*

Il-pjan għandu jiżgura l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-merluzz ikkonċernati abbażi tar-rendiment massimu sostenibbli billi gradwalment inaqqas u jżomm ir-rati ta' mortalità mis-sajd f'livelli mhux **ogħla** minn:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pjan ta' ġestjoni għandu jindika mortalità massima mis-sajd, u mhux mortalità minima mis-sajd.*

**Emenda 24**  
**Marek Józef Gróbarczyk**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 4 – punt (a)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) 0,4 għall-etajiet bejn 3 u 6 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żona A; u**

Or. en

**Emenda 25**  
**Nils Torvalds**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1098/2007  
Artikolu 4 – punt (a)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) 0,30 għall-etajiet bejn 3 u 6 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żona A; u**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-aktar parir reċenti tal-ICES.*

**Emenda 26**  
**Isabella Lövin**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 4 – punt (a)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) 0,3 għall-etajiet bejn 3 u 6 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żona A; u**

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-parir tal-ICES jindika mortalità mis-sajd ta' 0,25 għall-istokk tal-merluzz fil-Baħar Baltiku tal-Punent u mortalità mis-sajd ta' 0,3 għall-istokk tal-Lvant. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jiġi rivedut b' mod adatt. B' mod partikolari, varjazzjonijiet reċenti fl-estimi tal-bijomassa tal-istokk ifissru li l-approċċ ta' prekwazzjoni kieku jwassal għal valur konservattiv ta' F.*

### **Emenda 27**

**Marek Józef Gróbarczyk**

#### **Proposta għal regolament**

**Article 1 - point 1 b (new)**

Regolament (KE) 1098/2007

Artikolu 4 - punt (b)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) 0,4 għall-etajiet bejn 4 u 7 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żoni B u Ċ.**

Or. en

### **Emenda 28**

**Nils Torvalds**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1098/2007

Artikolu 4 - punt (b)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) 0,25 għall-etajiet bejn 4 u 7 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żoni B u Ċ.**

Or. en

## *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-aktar parir reċenti tal-ICES.*

### **Emenda 29**

**Ole Christensen**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 8 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi kull sena skont it-Trattat dwar l-għadd massimu ta' jiem nieqsa mill-port minbarra l-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1 fis-sena ta' wara meta s-sajd bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 ikun permessibbli, skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5.**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 30**  
**Jaroslav Leszek Wałęsa**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 5**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 27

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Artikolu 27

Artikolu 27

**Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a biex tirrevedi r-rati minimi ta' mortalità mis-sajd stabbiliti fl-Artikolu 4, meta d-dejta xjentifika tindika li l-valuri għar-rati minimi ta' mortalità mis-sajd mhumiex skont l-għanijiet tal-pjan ta' ġestjoni.**

**Meta l-Kummissjoni ssib li r-rati minimi ta' mortalità mis-sajd indikati fl-Artikolu 4 m'għadhomx xierqa biex jinkisbu l-għanijiet tal-pjan ta' ġestjoni, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta, għall-adozzjoni skont l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex tirrevedi r-rati mmirati ta' mortalità mis-sajd stabbiliti fl-Artikolu 4. Tali proposta għandha ssir abbażi tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u wara li jiġi kkonsultat il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku.**

Or. en



**Emenda 31**  
**Ole Christensen**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 5**  
Regolament (KE) 1098/2007  
Artikolu 27

*Test propost mill-Kummissjoni*

Artikolu 27

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29a biex tirrevedi r-rati minimi ta' mortalità mis-sajd stabbiliti fl-Artikolu 4, meta d-dejta xjentifika tindika li l-valuri għar-rati minimi ta' mortalità mis-sajd mhumiex skont l-għanijiet tal-pjan ta' ġestjoni.

*Emenda*

Artikolu 27

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati *f'konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku u l-partijiet interessati rilevanti* skont l-Artikolu 29a biex tirrevedi r-rati minimi ta' mortalità mis-sajd stabbiliti fl-Artikolu 4, meta d-dejta xjentifika tindika li l-valuri għar-rati minimi ta' mortalità mis-sajd mhumiex skont l-għanijiet tal-pjan ta' ġestjoni.

Or. en